## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Alan Carabott

Illum 14 ta’ Lulju 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Alan Carabott, imwieled fis-19/07/1983, residenti Blk 3, Flt 8, Triq San Filippu, Birgu u li għandu n-numru ta’ karta tal-identità 361983M;

Billi int akkużat talli fl-10 ta’ Settembru, 2023 għall-ħabta ta’ 03:10hrs ġewwa Triq Sant’ Antnin, M’Skala soqt il-vettura GGV-589

1. U b’ nuqqas ta ħsieb u bi traskuraġni jew b’ nuqqas ta ħila fl-art jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ ħarsis tar-regolamenti ikkaġunajt ħsara jew għarraqt xi ħaġa fuq vettura Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni KLY-294 għad-dannu ta Keith Tufigno. Art. 328(d) Kap. 9

2. Soqt il-vettura ta’ għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni GGV-589 b’manijera traskurata Art. 15(1)(a) kap.65

3. Soqt il-vettura ta’ għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni GGV-589 b’manijera perikoluza. Art. 15(1)(a) kap.65

4. U aktar talli irrifjutajt jew inqast milli tagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs wara li kont avzat li dak in-nuqqas jew rifjut jikkostitwixxi reat. Art 15E (4) Kap.65

5. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura nru GGV-589 fi triq jew f’ post pubbliku meta ma’ kontx f’ kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi Art 15A(1) Kap. 65

6. Bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, għamilt reat li kellek id-dmir li tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek kellek id-dmir li timpedixxi li jsir. Art 141 Kap. 9

Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikata/a mill-liċenzji kollha tiegħek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta ħtija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 141 u 328(d) tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a), 15A(1)(2) u 15E(4) tal-Kap 65 u fil-L.S. 65.18 Artikolu 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixidx.

Rat l-atti kollha, x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 957 Spiteri** xehed permezz ta' affidavit.

**Stephen Cachia** impjegat fid-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta xehed permezz ta' affidavit.

**Ikkunsidrat**

**Keith Tufigno** xehed hekk:

Pros: Mela mm inti kellek xi incident jew assistejt għal xi incident?

Xhud: Kelli xi incident iva.

Pros: Meta u fejn?

Xhud: Mela fl-10 ta' Settembru 2023 kien Sant Antnin Wied il-Ghajn.

Pros: U x'ġara tispjega daqsxejn il-Qorti?

Xhud: Meta jiena kont għol-vann nieħu break niekol biċċa ħobż. Kont ipparkjat go mal-ġenb ġewwa parking space. F'ħin minnhom nisma' daqqa kbira u nara vann baqa' sejjer u daħal go trakk ta' quddiemi kien ipparkjat ukoll mal-ġenb ta' parking space. Ħrigt minn għol-vann biex nara jekk mhux kollox sew. U minn-naha tax-xufier naraħħar jerġagħagħ raġel joħroġ minn għol-vann jċċekkja jekk m'għandux ħsarat.

Pros: Inti dal-persuna li qed issemmi tagħrufu hawnhekk?

Xhud: Iva.

Pros: Tista' tindika l-Qorti.

Xhud: Regħa daħal għol-vann. U pprova jirriversja biex jitlaq l-hemm ovvjament ma setgħax għax kien immweħel go trakk ta' quddiemu. Għidtlu, imbagħad

Xhud: Regħa ħareġ minn għol-vann għidtlu inti taf li ġibat go fija.

Qorti: Jiġifieri ħabat go fik ukoll?

Xhud: Ijja ħabat go fija l-ġenb sħiħ. Lanqas biss ikkalkulani f'ħin minnhom innutajt li beda jixxengel hemm u l-ħawn. Meta bdejt ninkellemu bdejt inxomm riħa ta' xorob minn go ħalqu ħiereġ ukoll u minn go imnishfesġħ hemm u minn hemm irrealiżżajt li qed nikkuntattja l-pulizija għax ma kellix ċans miegħu biex ħabba l-insurance biex ingibu wardens u hekk għad-dettalji u hekk plus li kelli xi demm ukoll kien jidher li weġġa' wkoll. Ġew il-pulizija fuq il-post. Provaw ikellmu imma lanqas beda jagħti kashom ukoll ħadu d-dettalji li kemm jista' jkun il-pulizija u tlaqna minn fuq il-post.

Avv: Kontro Ezami jekk jogħġbok ara meta qed tgħidilna l-incident ġara Sant Antnin x'tifhem biha jekk jogħġbok?

Xhud: Traffic accident.

Avv: Le Sant Antnin x'tifhem biha?

Xhud: L-isem tat-triq.

Avv: Liem hi mit-triq jekk jogħġbu jiġifieri, semmi xi landmark jew xi ħaġa biex forsi il-Qorti tifhem eŻatt il-post liema hu triq Sant Antnin?

Xhud: Triq triq twila ħafna ta' Sant Antnin.

Avv: Li twassal minn fejn għal fejn?

Xhud: Twassal mill-Haż-Zabbar għal Wied il-Ghajn.

Avv: Fejn hemm l-impjant ta' Sant' Antnin biex nifhmu tal-Waste-serve?

Xhud: Kwazii viċin mhux eżatt ħdejha.

Avv: Iktar il-fuq jew iktar l-isfel?

Xhud: Mhiniex ċert jekk mhux fuq jew l-isfel.

Avv: Issa meta int kont qiegħed ipparkjat diga jekk jogħġbok fejn kont diga ipparkjat?

Xhud: Kont ipparkjat mal-ġenb għo parking space direzzjoni lejn Wied il-Ghajn.

Avv: Il-vettura l-oħra li semmejt it-truck kien ipparkjat fejn jekk jogħġbok?

Xhud: Quddiemi.

Avv: F'parking space ukoll?

Xhud: Iva mal-ġenb, jiġifieri dan mhux go nofs il-main road konna konna mal-ġenb għo parking space kemm jiena u kemm it-trakk.

Avv: Ok xejn aktar f'dan l-istadju.

**Andre Buhagiar** xehed hekk:

Pros: Mela qed tirraprezenta lil xi ħadd?

Xhud: Il-Forzi Armati ta' Malta l-ufficċju legali u naħdem taħt il-kappa tal-Human Resources Branch fl-AFM u qed nequebħuxxi shots mil-HRM system tagħna Human Resources Management basically sistema biex nikkonferma.

Qorti: Fuq min qed tixħed?

Xhud: Fuq Alan Carabott.

Qorti: Inti tafu l-Alan Carabott jew inti sempliċiment ħriġt l-informazzjoni?

Xhud: Ħriġt l-informazzjoni.z869+

Qorti: Orrajt tagħtina number xi ħaġa hemm fuqha din?

Xhud: Iva, 0361983 Mela Alan Carabott daħal fl-armata fl-24 ta' Lulju 2006 u ġie discharge x-xark fl-1 ta' Mejju 2024.

Pros: Orrajt u jiġifieri dak id-dokument minn fejn joħrog?

Xhud: Dawn huma print screen tas-sistema jiġifieri fuq is-sistema hija Human Resources Management system, jiġifieri kull persuna meta tidhol fl-armata ndaħħlu d-dettalji tiegħu apparti li jkollna l-files tiegħu ndaħħluhha online fuq sistema u aħna dejjem kull rekord li jiġri fuq il-persuna dejjem indaħħluh dis-sistema ħalli aħna meta kellna bżonn access ta' xi informazzjoni fuq individwu li qiegħed fl-armata nidhlu fuq is-sistema. U kull attività li jkun hemm tal-individwu dejjem indaħħluhha fis-sistema.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuża, ma hemm l-ebda dokumentazzjoni, affidavit jew xhieda bil-ġurament li tikkonferma l-ħsarat li allegatament kienu kkawżati bl-inċident inkwistjoni.

Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkużi, jirriżulta mill-provi, b'mod partikolari mix-xhieda ta' Keith Tufigno, li l-imputat kien qed isuq b' traskuragni. Għaldaqstant, tqis li fil-konfront tat-tieni akkuża l-elementi meħtieġa ġew elementati, iżda mhux fir-rigward tat-tielet akkuża.

Illi l-imputat ma ngħatax id-dritt tas-silenzju mill-Pulizija.

Illi l-fatt li nħass riħa ta' alkoħol minn ħalqu ma huwiex biżżejjed waħdu sabiex tiġi stabbilita l-fattualità li kien taħt l-influwenza tal-alkoħol. Fid-dawl tan-nuqqas tad-dritt tas-silenzju kif ukoll tan-nuqqas ta' prova oħra soda il hinn minn kull dubbju raġonevoli, tqis li l-akkużi numru erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6) ma ġewx elementati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 141 u 328(d) tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a)(2), 15A(1) u 15E(4) tal-Kap 65 u fil-L.S. 65.18 Artikolu 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda, issib lil Alan Carabott mhux hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuzi migjuba kontrih u tillieberah minn kull htija u piena filwaqt li ssib lil Alan Carabott hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundanah ghal-Multa ta' elf u mitejn Ewro (Ewro 1,200), tnaqqis ta' sitt (6) punti mill-licenzja tas-sewqan u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal tlett (3) xhur.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**